**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 1164/2024/1TA**

**Ryan Zarb et**

**Vs**
**World Marketing Services Limited et**

**Il-Qorti;**

Reġgħet rat ir-rikors.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċedura.

Qieset li l-ammont li jinsab depożitat għandu jitqies bħala garanzija tajba għall-pretensjonijiet ta' Ryan Zarb u oħrajn b'dana li l-ammont depożitat taħt ebda ċirkostanza ma għandu jkun żbankat jekk mhux skond l-eżitu tal-kawża eżistenti bejn il-partijiet fir-rikors numru 241/2024.

Dan id-digriet qiegħed jingħata fid-dawl ta' l-ispirtu ta' dak li jipprovdu d-dokumenti li jinsabu a fol 8 u 26 tal-proċess li għalhekk għandhom jitqiesu bħala parti integrali ta' dan id-digriet.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' t-talba fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 836 ( 1 )( C ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna għalhekk li jinħareġ il-kontromandat opportun.

Spejjeż jibqgħu riservati għal mal-ġudizzju finali.

Illum, 10 ta’ Ottubru 2024

**Onor. Imhallef Toni Abela LL.D.**